IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 26.6.2006
KUMM(2006) 354 finali

2006/0116 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja

(Strument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem)

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. L-għan tal-proposta għal strument ta' finanzjament ġdid għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem huwa li tiġi provduta bażi legali għall-programm suċċessur għall-Inizjattiva Ewropea għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR), li hija bbażata fuq żewġ regolamenti li jiskadu fl-aħħar tas-sena 2006[1].

2. L-istrument il-ġdid, bħall-EIDHR, se jkollu l-missjoni speċifika li jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politiki ta' l-UE rigward il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija f'relazzjonijiet esterni, kif inhu indikat fil-mandati tat-Trattat[2] u kif ġie artikolat f'komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni, f'riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u f'konklużjonijiet tal-Kunsill matul is-snin. Dawn l-għanijiet huma ta' natura globali, huma riflessi fil-Linji ta' Gwida ta' l-UE dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw id-Drittijiet tal-Bniedem[3] u ġew ripetuti b'modi differenti fil-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni[4], fil-politika Ewropea tal-Viċinat[5], u fil-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp[6], kif ukoll f'inizjattivi reġjonali ġodda bħall-Istrateġija ta' l-UE għall-Afrika[7] u s-sħubija strateġika ta' l-UE ma' l-Amerika Latina[8] u bħall-politika ta' l-UE fil-konfront ta' l-Asja[9]. Il-qafas prinċipali

---

1 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 975/1999, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003, bir-Regolament (KE) Nru 2240/2004, u bir-Regolament (KE) 2110/2005; ir-Regoalment tal-Kunsill (KE) Nru 976/1999, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 907/2003, bir-Regoalment (KE) Nru 2242/2004, u bir-Regolament (KE) 2112/2005

2 L-Artikolu 11(1) TUE; l-Artikoli 177(2), 181a(1) TKE.

3 *Guidelines to EU policy towards third countries on the death penalty (Il-linji ta' gwida għall-politika ta' l-UE fil-konfront ta' pajjiżi terzi dwar il-piena tal-mewt)*, Ġunju 1998; *Guidelines to EU policy towards third countries on torture and other cruel, inhuman or degrading treatment or punishment*, (*Il-linji ta' gwida għall-politika ta' l-UE fil-konfront ta' pajjiżi terzi dwar it-tortura u trattament jew kastig krudili, inuman jew degradanti ieħor)*, April 2001; *EU Guidelines on children and armed conflict (Il-linji ta' gwida ta' l-UE dwarit- tfal u l-kunflitt armat)*, Diċembru 2003; *EU Guidelines on human rights defenders (Il-linji ta' gwida ta' l-UE dwar difensuri tad-drittijiet tal-bniedem)*, Ġunju 2004.

4 Cf. Is-samit ta' Żagreb f'Novembru 2000
http://europa.eu.int/comm/enlargement/intro/sap/summit_zagreb.htm

5 Id-Dokument ta' Strateġija tal-Kummissjoni *European Neighbourhood Policy (Il-Politika Ewropea tal-Viċinat)*, COM(2004) 373 finali tat-12 ta' Mejju 2004, il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-14 ta' Lulju 2004.

6 Id-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u mir-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni "*The European Consensus on Development" (Il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp*), adottata fit-22 ta' Novembru 2005.

7 *The EU and Africa: towards a strategic partnership (L-UE u l-Afrika: lejn sħubija strateġika)*, adottata mill-Kunsill Ewropew, il-15 u s-16 ta' Diċembru 2005

8 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni *Sħubija msaħħa bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina*, COM(2005)636 finali tat-8 ta' Diċembru 2005

9 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni *Europe and Asia: A Strategic Framework for Enhanced Partnerships (L-Ewropa u l-Asja: Qafas Strateġiku għal Sħubijiet Imtejba)*, COM(2001) 469 finali ta' l-4 ta' Settembru 2001; il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni *New Partnership with South East Asia (Sħubija Ġdida ma' l-Asja tax-Xlokk)*, COM(2003) 399 finali tad-9 ta' Lulju 2003; id-Dokument ta' Politika tal-Kummissjoni *A maturing partnership – shared interests and challenges in EU-China relations (Sħubija li qiegħda timmatura – interessi u sfidi maqsuma fir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina)*, COM(2003) 533 finali ta' l-10 ta' Settembru 2003; il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni *An EU-India Strategic Partnership (Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Indja)*, COM(2004) 430 finali tas-16 ta' Ġunju 2004

tal-politika għall-EIDHR ġie ffissat mill-kommunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tas-snin 2000 u 2001[10].

3. L-istrument il-ġdid, bħall-EIDHR, se jkun imfassal biex jikkomplementa d-diversi għodod oħrajn għall-implimentazzjoni tal-politiki ta' l-UE dwar id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, li jvarjaw minn djalogu politiku u inizjattivi diplomatiċi għal diversi strumenti ta' kooperazzjoni finanzjarja u teknika, inklużi kemm programmi ġeografiċi kif ukoll dawk tematiċi. Se jikkomplementa wkoll l-interventi ta' l-istrument il-ġdid ta' l-Istabbiltà li huma aktar relatati mal-kriżijiet.

4. Filwaqt li l-għanijiet tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem qed ikunu dejjem iktar "integrati" f'dawn id-diversi strumenti, l-istrument tal-finanzjament il-ġdid se jkollu rwol komplementari speċifiku minħabba n-natura globali tiegħu u l-indipendenza fl-azzjoni tiegħu. Bħall-EIDHR, dan jagħmel possibbli l-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili dwar kwistjonijiet sensittivi ta' drittijiet tal-bniedem u demokrazija, billi jipprovdi l-flessibilità meħtieġa biex ikun hemm reazzjoni għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu jew biex jingħata appoġġ lill-innovazzjoni, b'kuntrast mal-metodu ta' programmazzjoni għal medda twila ta' żmien tal-programmi ġeografiċi. Huwa jipprovdi wkoll kapaċità tal-KE li tartikula u tappoġġa għanijiet u miżuri speċifiċi fuq il-livell internazzjonali, li la huma marbuta ġeografikament u lanqas mhuma relatati ma' xi kriżi, li jistgħu jeħtieġu metodu transnazzjonali jew jinvolvu operazzjonijiet kemm fi ħdan l-UE kif ukoll f'firxa ta' pajjiżi msieħba. Huwa jipprovdi l-qafas meħtieġ għal operazzjonijiet, bħall-osservazzjoni ta' l-elezzjonijiet mill-UE, li jeħtieġu koerenza fil-politika, sistema ta' ġestjoni unifikata u standards operattivi komuni.

5. Minħabba s-semplifikazzjoni radikali u ppjanata ta' l-arkitettura regolatorja li tirregola l-għajnuna esterna, l-intenzjoni oriġinali tal-Kummissjoni kienet li tipproponi li l-qafas futur għall-attività speċifika tagħha dwar id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, hi u ssegwi lill-EIDHR, jieħu l-forma ta' Programm Tematiku, fejn jintużaw l-erba' regolamenti proposti dwar l-għajnuna esterna bħala bażi legali[11]. Għalhekk, f'Jannar il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni dwar programm tematiku għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja fil-qafas tal-Perspettivi Finanzjarji futuri (2007-2013)[12] li kienet ippreparata wara konsultazzjonijiet fil-parti aħħarija tas-sena 2005[13]. Il-konsultazzjonijiet tkomplew minn dak iż-żmien lil hawn bil-għan li jiġu ppreparati d-dokumenti għall-programmazzjoni.

6. Minħabba l-karattru speċifiku ta' l-azzjoni ta' l-UE dwar id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, billi hija marbuta ma' mandat speċifiku tat-Trattat, il-ħtieġa għal Regolament separat, b'kuntrast għal Programm Tematiku, ilha tiġi sostnuta b'mod

---

10 *EU election assistance and observation (L- għajnuna u l-osservazzjoni ta' l-elezzjonijiet mill-UE)*, COM(2000) 191 finali tal-11 ta' April 2000; *The EU's Role in Promoting Human Rights and Democratisation in Third Countries (Ir-Rwol ta' l-UE fil-Promozzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Demokratizzazzjoni f'Pajjiżi Terzi)*, COM(2001) 252 finali tat-8 ta' Mejju 2001

11 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar *Azzjonijiet Esterni permezz ta' Programmi Tematiċi taħt il-Perspettivi Finanzjarji tal-Futur ta' l-2007 – 2013*, COM(2005) 324 finali tat-3 ta' Awissu 2005.

12 COM(2006) 23 finali tal-25 ta' Jannar 2006

13 ara http://europa.eu.int/comm/external_relations/consultations/er.htm

partikolari mill-Parlament Ewropew, li kien fl-oriġini ta' l-EIDHR. Għalkemm il-Kummissjoni kienet konxja mit-tħassib tal-Parlament, hija xtaqet li l-ewwel tiżgura kunsens interistituzzjonali dwar pjan kumplessiv għas-semplifikazzjoni ta' l-arkitettura regolatorja li tirregola l-għajnuna esterna. Issa li dan jidher fiż-żgur, il-Kummissjoni tqis li issa huwa xieraq li tipproponi Regolament separat.

7. Il-proposta tirrifletti l-ideat ewlenin li ġew żviluppati fil-Komunikazzjoni għal programm Tematiku għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja skond il-qafas tal-Perspettivi Finanzjarji futuri (2007-2013), u għalhekk tqis il-konsultazzjonijiet imwettqa f'dak il-kuntest. Ma twettqet l-ebda konsultazzjoni oħra fir-rigward tar-Regolament propost, għal raġunijiet ta' urġenza, minħabba l-ħtieġa li r-Regolament jiġi adottat fi żmien xieraq sabiex mis-sena 2007 jibdew jitwettqu l-operazzjonijiet .

8. L-istrument propost huwa bbażat kemm fuq l-Artikolu 179 (1) TKE, li jkopri l-miżuri fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif ukoll fuq l-Artikolu 181a (2) TKE, li jkopri l-miżuri fil-qasam tal-kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika ma' pajjiżi terzi ħlief il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. Din il-bażi legali tiżgura s-sensibilizzazzjoni globali ta' l-istrument. Ir-Regolament huwa soġġett, fl-intier tiegħu, għall-proċedura ta' ko-deċiżjoni skond l-Artikolu 251 TKE.

9. L-istruttura tar-Regolament issegwi mill-qrib dik ta' l-istrumenti ta' finanzjament għall-għajnuna esterna l-oħrajn, li m'ilhomx proposti u li kollha għandhom joperaw fi ħdan il-qafas tal-Perspettivi Finanzjarji 2007-2013[14]. Ir-Regolament huwa maqsum fi tliet Titoli li jkopru l-għanijiet u l-ambitu ta' l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (it-Titolu I – l-Artikoli 1 sa 3), ir-regoli ġenerali għall-implimentazzjoni ta' l-istrument (it-Titolu II – l-Artikoli 4 sa 15), u d-dispożizzjonijiet finali (it-Titolu III – l-Artikoli 16 sa 20).

10. Id-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 1 tat-Titolu 1 tirrifletti l-għanijiet strateġiċi għall-istrument kif żviluppati u ppreżentati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *Programm Tematiku għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja fil-qafas tal-Perspettivi Finanzjarji futuri (2007-2013)*[15]. L-Artikolu 2 jirreferi għall-oqsma għall-għajnuna skond l-istrument fis-segwitu ta' l-għanijiet kif elaborati skond l-Artikolu 1. Il-lista ta' attivitajiet speċifiċi fi ħdan kull qasam mhix eżawrjenti u tista' tiġi kkomplementata bil-konsenja ta' għajnuna bħala reazzjoni għall-ħtiġijiet speċifiċi. L-Artikolu 2(3) jipprovdi għall-possibbiltà li tiġi implimentata għajnuna tal-Komunità fi ħdan l-Unjoni Ewropea sakemm l-attività appoġġjata tkun relatata b'mod dirett ma' sitwazzjonijiet li jinqalgħu f'pajjiżi terzi. Dan japplika b'mod partikolari għaċ-ċentri ta' riabilitazzjoni għall-vittmi tat-tortura bbażati fi ħdan l-Unjoni Ewropea u għal azzjonijiet li jistgħu jiġu implimentati biss barra l-pajjiż terz immirat.

11. L-Artikolu 3 tat-Titolu I jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali għall-implimentazzjoni tar-Regolament, jiġifieri li

---

14 L-Istrument Ewropew tal-Viċinat u tas-Sħubija (ENPI), L-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u tal-Kooperazzjoni Ekonomika (DCECI), L-Istrument għall-Istabbiltà (IfS)

15 COM(2006) 23 finali tal-25 ta' Jannar 2006

- l-għajnuna skond l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem għandha tikkomplementa l-għajnuna provduta skond l-istrumenti ta' finanzjament l-oħrajn msemmijin fid-dispożizzjoni,

- l-għajnuna hija konsistenti mal-politiki rilevanti ta' l-UE fil-qasam,

- hija żgurata l-koordinazzjoni mal-programmi ta' għajnuna rispettivi ta' l-Istati Membri,

- huma mfittxija skambji ta' informazzjoni mal-Parlament Ewropew u mas-soċjetà ċivili.

12. L-Artikoli 4 sa 6 tat-Titolu II jiddeskrivu l-qafas proċedurali ġenerali għall-konsenja ta' l-għajnuna esterna tal-Komunità. Dan huwa koformi mal-linji ta' gwida stabbiliti fir-riforma tal-ġestjoni ta' l-għajnuna esterna tal-Komunità[16], u jqis l-esperjenza u l-innovazzjonijiet li saru minn dak iż-żmien lil hawn. L-Artikolu 5 jistabbilixxi l-proċedura għall-programmazzjoni ta' l-għajnuna skond l-istrument permezz tad-dokumenti ta' strateġija u reviżjonijiet tiegħu. Id-dokumenti ta' strateġija jitfasslu skond il-*Qafas Komuni u l-Proċedura għal Dokumenti ta' Strateġija għall-Programmi Tematiċi 2007-2013*[17]. Id-dokumenti ta' strateġija jiġu adottati mill-Kummissjoni fil-forma ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni wara li tinkiseb opinjoni favorevoli ta' kumitat ta' ġestjoni kompost minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u presjedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni (l-Artikolu 16). Biex tkun żgurata l-komplementerjetà ta' l-għajnuna tal-Komunità ma' l-għajnuna ta' l-Istati Membri u dik tad-donaturi u ta' l-atturi l-oħra, matul il-proċess ta' programmazzjoni għandhom jitwettqu l-konsultazzjonijiet, inkluż mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

13. L-Artikolu 6 jipprovdi li d-deċiżjonijiet ta' finanzjament skond l-istrument ġeneralment jittieħdu mill-Kummissjoni fil-forma ta' Programmi Annwali ta' Azzjoni, bbażati fuq id-Dokumenti ta' Strateġija u r-reviżjonijiet tagħhom. Il-Programm Annwali ta' Azzjoni jinkludi t-tipi kollha ta' finanzjament fit-termini ta' l-Artikolu 8 u ta' l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari jinkludi l-Programm Annwali ta' Ħidma fuq il-bażi ta' l-Artikolu 110(1) tar-Regolament Finanzjarju[18]. L-emendi għall-Programm Annwali ta' Azzjoni jiġu adottati mill-Kummissjoni wara opinjoni favorevoli tal-kumitat ta' ġestjoni. F'każijiet fejn l-emendi ma jaqbżux l-20% ta' l-ammont globali allokat għall-Programm Annwali ta' Azzjoni, il-Kummissjoni tinforma lill-kumitat ta' ġestjoni u lill-Parlament Ewropew. F'każijiet eċċezzjonali (l-Artikolu 7) u għall-finanzjament ta' Miżuri ta' Appoġġ (l-Artikolu 8), il-Kummissjoni tistà tieħu deċiżjonijiet ta' finanzjament li ma jkunux koperti mid-Dokumenti ta' Strateġija.

14. L-Artikolu 7 dwar il-Miżuri Speċjali jżid il-kapaċità tal-Komunità li tirreaġixxi għal sitwazzjonijiet u żviluppi mhux previsti u jintroduċi flessibilità partikolari għall-

---

16 *On the Reform of the Management of External Assistance (Dwar ir-Riforma tal-Ġestjoni ta' l-Għajnuna Esterna)*, SEC (2000) 814 tas-16 ta' Mejju 2000

17 Id-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni approvat mill-Grupp ta' Appoġġ tal-Kwalità Bejn is-Servizzi tal-[id-data għad trid tiġi mdaħħla]

18 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (*on the Financial Regulation applicable to the general budget of the European Communities)*, ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1

implimentazzjoni effettiva ta' l-għajnuna esterna komplementari tal-Komunità fil-qasam tal-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk, il-Kummissjoni tistà tiddeċiedi dwar miżuri ta' għajnuna li oriġinarjament ma kinux koperti mid-Dokumenti ta' Strateġija. Billi d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni jittieħdu barra mill-ambitu tad-Dokumenti ta' Strateġija kif approvati mill-kumitat ta' ġestjoni, id-deċiżjonijiet ta' finanzjament dwar miżuri li jaqbżu l-€ 5 miljuni ġew soġġetti għal opinjoni favorevoli tal-kumitat ta' ġestjoni. F'każijiet fejn il-miżura speċifika ta' għajnuna tibqa' inqas minn € 5 miljuni, il-Kummissjoni tinforma lill-kumitat ta' ġestjoni u lill-Parlament Ewropew fi żmien xahar mill-adozzjoni.

15. L-Artikolu 8 jippermetti li l-Komunità tiffinanzja, permezz ta' krediti ta' nefqa operattiva u amministrattiva, il-Miżuri ta' Appoġġ meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament u biex jinkisbu l-għanijiet tiegħu. Fejn il-Miżuri ta' Appoġġ jiġu ffinanzjati barra mill-ambitu tad-Dokumenti ta' Strateġija, l-Artikolu 8(3) jipprovdi biex jiġu adottati bl-istess mod bħall-Miżuri Speċjali.

16. L-Artikolu 9 jelenka l-entitajiet, il-korpi u l-istituzzjonijiet li huma eliġibbli biex jirċievu l-għotjiet skond dan ir-Regolament. Skond il-prattika korrenti u skond id-dispożizzjonijiet rispettivi fi strumenti ta' għajnuna esterna oħrajn, l-Artikolu 9(1) jipprovdi eliġibilità fuq bażi wiesgħa, ikkomplementata mill-klawżola tat-tfaddil ta' l-Artikolu 9(2), skond liema, il-korpi jew l-atturi li mhumiex elenkati fl-Artikolu 9(1) jitqiesu eliġibbli biex jirċievu għotjiet skond dan ir-Regolament, sakemm dan ikun meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet tar-Regolament.

17. L-Artikolu 10 jippermetti li l-Kummissjoni tiġġestixxi l-miżuri ffinanzjati skond dan ir-Regolament bl-użu tal-metodi ta' ġestjoni provduti fir-Regolament Finanzjarju (ġestjoni ċentralizzata jew ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali). Skond l-Artikolu 54 tar-Regolament Finanzjarju, l-Artikolu 10(2) jistabbilixxi l-kriterji biex jiġu ddelegati l-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit lill-korpi nazzjonali tas-settur pubbliku jew lill-korpi rregolati mil-liġi privata u li għandhom missjoni ta' servizz pubbliku.

18. L-Artikoli 11 u 12 tat-Titolu II jelenkaw il-forom ta' impenji baġitarji u t-tipi ta' finanzjament fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar id-Dokumenti ta' Strateġija (l-Artikolu 5), il-Programmi Annwali ta' Azzjoni (l-Artikolu 6), il-Miżuri Speċjali (l-Artikolu 7) u l-Miżuri ta' Appoġġ (l-Artikolu 8). Fuq il-bażi ta' l-Artikolu 108(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju, l-Artikolu 12 (c) jidentifika ċ-Ċentru Inter-Universitarju Ewropew għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokratizzazzjoni (EIUC) bħala riċevitur potenzjali ta' għotjiet skond dan ir-Regolament biex tkun żgurata l-kontinwazzjoni tal-Programm għal-Lawrja Ewropea ta' Masters fid-Drittijiet tal-Bniedem u fid-Demokratizzazzjoni u l-Programm ta' Borża ta' Studju UE-NU. Il-bażi legali għall-finanzjament preżenti taċ-Ċentru Inter-Universitarju Ewropew tiskadi fl-aħħar tas-sena 2006[19]. L-Artikolu 12 jiftaħ ukoll il-possibbiltà ta' ko-finanzjament ma' l-Istati Membri, ma' pajjiżi donaturi oħrajn, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, u entitajiet oħra.

19 Id-Deċiżjoni Nru 791/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja għall-promozzjoni ta' korpi attivi f'livell Ewropew u għall-appoġġ ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ, ĠU L 138, 30.4.2004, p. 31

19. L-Artikolu 13 tat-Titolu II jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fl-għotja ta' għotjiet u ta' kuntratti pubbliċi ffinanzjati skond dan ir-Regolament. L-Artikolu 13 jippermetti, b'mod partikolari lill-persuni naturali u legali ta' pajjiżi terzi, li jifthu l-proċeduri ta' għotjiet u l-akkwist pubbliku tagħhom għall-Istati Membri ta' l-UE li jieħdu sehem fil-proċeduri ta' għotja ta' għotjiet u ta' akkwist skond dan ir-Regolament. Id-dispożizzjonijiet jikkonformaw mar-Regolamenti abrogati dwar l-aċċess għall-għajnuna esterna tal-Komunità[20].

20. L-Artikolu 15 tat-Titolu II jorbot lill-Kummissjoni biex timmonitorja u tirrivedi, u li tevalwa regolarment l-effettività tal-programmazzjoni tagħha skond dan ir-Regolament. L-Istati Membri u l-Parlament Ewropew għandhom jirċievu r-rapporti rispettivi għall-informazzjoni u d-diskussjoni tagħhom.

21. L-Artikoli 16 sa 20 tat-Titolu III jinkludu d-dispożizzjonijiet finali li jikkonċernaw l-istabbiliment ta' kumitat ta' ġestjoni kompost mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri (l-Artikolu 16) skond id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-komitoloġija[21], rapport annwali min-naħa tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna skond dan ir-Regolament (l-Artikolu 17), l-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni tar-Regolament (l-Artikolu 18), u reviżjoni ta' dan ir-Regolament wara erba' snin ta' implimentazzjoni fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni (l-Artikolu 19).

22. L-Artikolu 20 tat-Titolu III jiddetermina li r-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007 għal perjodu ta' seba' snin sal-31 ta' Diċembru 2013. Id-dħul fis-seħħ tar-Regoalment sa l-1 ta' Jannar 2007 huwa imperattiv biex tkun żgurata l-kontinwità tal-bażi legali għal għajnuna esterna komplementari fil-qasam tal-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2006. F'din id-data, se jiskadu l-bażijiet legali preżenti għall-Inizjattiva Ewropea għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-konsenja ta' l-għajnuna esterna għad-demokrazija u għad-drittijiet tal-bniedem skond il-baġit ta' l-2007 għalhekk teħtieġ id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sa l-1 ta' Jannar 2007.

20 ĠU L 344, 27.12.2005, p. 1, ĠU L 344, 27.12.2005, p. 23
21 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23

2006/0116 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja

(Strument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 179(1) u 181a(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta min-naħa tal-Kummissjoni,[1]

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat,[2]

Billi:

(1) Qed jiġi propost qafas ġdid għall-ippjanar u għall-konsenja ta' l-għajnuna biex l-għajnuna esterna tal-Komunità ssir iktar effettiva. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru [...] jistabbilixxi Strument għal Qabel l-Adeżjoni (IPA) għal għajnuna tal-Komunità lil pajjiżi kandidati u lil pajjiżi kandidati potenzjali. Ir-Regolament (KE) Nru […] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi Strument Ewropew għall-Viċinat u għas-Sħubija li jipprovdi appoġġ dirett għall-Politika Ewropea tal-Viċinat ta' l-UE. Ir-Regolament (KE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Ekonomika. Ir-Regolament (KE) Nru […] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-Istabbiltà li jipprovdi għajnuna f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' kriżi li qed titfaċċa, u theddidiet speċifiċi globali u transreġjonali. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Strument Ewropew għall-Promozzjoni tad-Demokrazija u tad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) madwar id-dinja;

(2) L-Artikolu 6(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula li l-Unjoni hija msejsa fuq il-prinċipji tal-libertà, tad-demokrazija, tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għall-libertajiet fundamentali, u għas-supremazija tad-dritt prinċipji li huma komuni għall-Istati Membri. Kwalunkwe Stat Ewropew li jirrispetta dawn il-prinċipji, skond l-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jista' japplika biex isir membru ta' l-Unjoni;

---

1 ĠU C […], […], p. […].
2 ĠU C […], […], p. […].

(3) Il-promozzjoni tad-demokrazija u tas-supremazija tad-dritt, u tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali tikkostitwixxi għan primarju tal-politika ta' żvilupp u tal-kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika ma' pajjiżi terzi tal-Komunità. Impenn biex jiġu rrispettati, promossi u mħarsa l-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem hija element essenzjali tar-relazzjonijiet kuntrattwali tal-Komunità ma' pajjiżi terzi[3];

(4) Il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp miftiehem b'mod konġunt mill-Kunsill u mir-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Parlament Ewropew[4] jenfasizza li "il-progress fil-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, fil-governanza tajba u fid-demokratizzazzjoni huwa fundamentali għat-tnaqqis tal-faqar u għall-iżvilupp sostenibbli"

(5) L-istrument ta' finanzjament jikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan tal-Politika Komuni Barranija u għas-Sigurtà ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija u tas-supremazija tad-dritt, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali;

(6) Il-kontribut tal-Komunità għall-iżvilupp u għall-konsolidazzjoni tad-demokrazija u tas-supremazija tad-dritt, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali huwa msejjes fil-prinċipji ġenerali stabbiliti mill-Karta Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem[5], u kwalunkwe Strument Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem ieħor li ġie adottat fi ħdan il-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti;

(7) Id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem ma jistgħux jiġu sseparati minn xulxin. Il-libertajiet fundamentali ta' l-espressjoni u ta' l-assoċjazzjoni huma l-prerekwiżiti għall-pluraliżmu politiku u għall-proċess demokratiku, waqt li l-kontroll demokratiku u s-separazzjoni tal-poteri huma essenzjali biex ikunu sostnuti ġudikatura indipendenti u s-supremazija tad-dritt li min-naħa tagħhom huma meħtieġa għall-ħarsien effettiv tad-drittijiet tal-bniedem;

(8) Id-drittijiet tal-bniedem jistgħu jitqiesu fid-dawl ta' normi internazzjonali li huma aċċettati b'mod universali, iżda d-demokrazija għandha titqies bħala proċess, li jiżviluppa internament, li jinvolvi s-sezzjonijiet kollha tas-soċjetà u firxa ta' istituzzjonijiet li għandhom jiżguraw il-parteċipazzjoni, ir-rappreżentazzjoni, il-kapaċità ta' reazzjoni u l-obbligu ta' rendikont. Il-kompitu li tinbena u tkun sostnuta kultura ta' drittijiet tal-bniedem u li d-demokrazija ssir taħdem għaċ-ċittadini tagħha, għalkemm ferm urġenti u diffiċli f'demokraziji li qed jitfaċċaw issa, essenzjalment huwa sfida li kontinwa, li l-ewwel u qabel kollox tappartjeni lill-poplu tal-pajjiż ikkonċernat;

---

3 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar *Inclusion of Respect for Democratic Principles and Human Rights in Agreements between the Community and Third Countries* (l-*Inklużjoni tar-Rispett għall-Prinċipji Demokratiċi u għad-Drittijiet tal-Bniedem fi Ftehimiet bejn il-Komunità u l-Pajjiżi Terzi)*, COM(1995) 216 tat-23 ta' Mejju 1995

4 ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1

5 L-Att Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jinkludi d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Protokoll Mhux Obbligatorju għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, u t-Tieni Protokoll Mhux Obbligatorju għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li għandu l-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt

(9) Sabiex il-kwistjonijiet imsemmija aktar ’il fuq jiġu indirizzati b’mod effettiv, f’waqtu u flessibbli lil hinn mill-iskadenza tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 975/1999[6] u tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 976/1999[7], li servew bħala l-bażi legali għall-Inizjattiva Ewropea għad-Demokrazija u għd-Drittijiet tal-Bniedem u li jiskadu sal-31 ta’ Diċembru 2006, huma meħtieġa riżorsi finanzjarji speċifiċi u strument ta’ finanzjament komplut minn kollox, li jistgħu ikomplu jaħdmu b’mod indipendenti filwaqt li jibqgħu komplementari għall-għajnuna umanitarja u għall-istrumenti ta’ finanzjament ta’ żvilupp u kooperazzjoni tul medda twila ta’ żmien;

(10) L-għajnuna tal-Komunità skond dan ir-Regolament hija mfassla biex tikkomplementa d-diversi għodod l-oħra għall-implimentazzjoni tal-politiki ta’ l-UE dwar id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, li jvarjaw minn djalogu politiku u inizjattivi diplomatiċi għal diversi strumenti ta’ kooperazzjoni finanzjarja u teknika, li jinkludu kemm programmi ġeografiċi kif ukoll dawk tematiċi. Se tikkomplementa wkoll l-interventi ta’ l-Istrument għall-Istabbiltà li jkunu iktar relatati mal-kriżijiet;

(11) B’mod partikolari, minbarra u b’mod komplementari għall-miżuri miftiema mal-pajjiżi msieħba fil-kuntest tal-kooperazzjoni segwita skond l-Istrument għal Qabel l-Adeżjoni, l-Istrument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija, l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u tal-Kooperazzjoni Ekonomika, il-Ftehim ta’ Cotonou mal-pajjiżi ACP u l-Istrument għall-Istabbiltà, il-Komunità tipprovdi għajnuna skond dan ir-Regolament li tindirizza kwistjonijiet ta’ drittijiet tal-bniedem u ta’ demokratizzazzjoni globali, reġjonali u nazzjonali, fi sħubija mas-soċjetà ċivili;

(12) Barra minn hekk, filwaqt li l-għanijiet tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem huma dejjem iktar integrati fl-istrumenti ta’ finanzjament għall-għajnuna esterna kollha, l-għajnuna tal-Komunità skond dan ir-Regolament se jkollha rwol komplementari speċifiku minħabba n-natura globali tagħha u l-indipendenza ta’ l-azzjoni tagħha mill-kunsens ta’ l-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi. Dan jagħmel possibbli l-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili dwar kwistjonijiet sensittivi ta’ drittijiet tal-bniedem u demokrazija, billi jipprovdi l-flessibilità biex ikun hemm reazzjoni għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu jew sabiex tiġi appoġġjata l-innovazzjoni. Dan jipprovdi wkoll kapaċità tal-Komunità li tartikula u tappoġġja għanijiet u miżuri speċifiċi fuq il-livell internazzjonali, li la huma marbuta b’mod ġeografiku u lanqas relatati ma’ xi kriżi, li jistgħu jeħtieġu metodu transnazzjonali jew jinvolvu operazzjonijiet kemm fi ħdan il-Komunità kif ukoll f’firxa ta’ pajjiżi terzi. Tipprovdi l-qafas meħtieġ għal operazzjonijiet, bħall-osservazzjoni indipendenti ta’ l-elezzjonijiet mill-UE, li jeħtieġu koerenza politika, sistema ta’ ġestjoni unifikata u standards operattivi komuni;

(13) Il-“Linji ta’ gwida għat-tisħiħ tal-koordinazzzjoni operattiva bejn il-Komunità, irrappreżentata mill-Kummissjoni, u l-Istati Membri fil-qasam ta’ l-għajnuna esterna” tas-sena 2001 jenfasizzaw il-ħtieġa ta’ koordinazzjoni mtejba ta’ l-għajnuna esterna ta’ l-UE fl-oqsma ta’ l-appoġġ għad-demokratizzazzjoni u tal-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali madwar id-dinja. Il-

6 ĠU L 120, 8.5.1999, p.1, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2110 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 1)

7 ĠU L 120, 8.5.1999, p. 8, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2112/2005 (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 23)

Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' għajnuna rispettivi tagħhom ikunu komplementari;

(14) Ir-rilevanza u l-ambitu ta' l-għajnuna tal-Komunità fil-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem titlob biex il-Kummissjoni tfittex skambji b'mod regolari u frekwenti ta' l-informazzjoni mal-Parlament Ewropew.

(15) Il-Kummissjoni teħtieġ li tikkonsulta lil rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, kif ukoll lil donaturi u atturi oħrajn, kmieni kemm ikun xieraq fil-proċess ta' programmazzjoni sabiex jiġu ffaċilitati l-kontributi rispettivi tagħhom u jkun żgurat li l-attivitajiet ta' għajnuna huma komplementari għal xulxin kemm jista' jkun possibbli;

(16) Il-Komunità jeħtieġ li tkun tista' tirreaġixxi malajr għal ħtiġijiet mhux previsti u f'ċirkostanzi eċċezzjonali sabiex titkabbar il-kredibilità u l-effettività ta' l-impenn tagħha għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi fejn jinqalgħu sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta. Dan jeħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-possibbiltà li tiddeċiedi dwar il-Miżuri Speċjali li mhumiex koperti mid-Dokumenti ta' Strateġija. Dan l-istrument għall-ġestjoni ta' l-għajnuna jikkorrispondi għal dawk inklużi fl-istrumenti ta' finanzjament ta' l-għanjuna esterna l-oħra;

(17) Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas finanzjarju għat-tul kollu tal-programm li għandu jkun il-punt prinċipali ta' referenza għall-awtorità baġitarja, fi ħdan it-tifsira tal-punt 37 tal-*Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda*;

(18) Jeħtieġ li jiġi żgurat appoġġ finanzjarju għaċ-Ċentru Inter-Universitarju Ewropew għad-Drittijiet tal-Bniedem u għad-Demokratizzazzjoni, li jipprovdi Lawrja Ewropea ta' Masters fid-Drittijiet tal-Bniedem u fid-Demokratizzazzjoni u l-Programm ta' Borża ta' Studju UE-NU, lil hinn mill-iskadenza sa l-aħħar tas-sena 2006 tad-Deċiżjoni Nru 791/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja għall-promozzjoni ta' korpi attivi f'livell Ewropew u għall-appoġġ ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ[8], li serviet bħala l-bażi legali għall-finanzjament;

(19) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni[9]. (20) Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq sabiex jintlaħqu l-għanijiet bażiċi ta' dan ir-Regolament li jiġu stabbiliti regoli dwar Strument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb l-għan segwit, skond it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 5 tat-Trattat.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

8 ĠU L 138, 30.4.2004, p. 31
9 ĠU C184 17.7.1999, p. 23.

TITOLU I
L-GĦANIJIET U L-AMBITU

Artikolu 1
L-għanijiet

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Strument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem li skond tiegħu il-Komunità għandha tipprovdi għajnuna, fi ħdan il-qafas tal-politika Komunitarja dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika ma' pajjiżi terzi, li tikkontribwixxi għall-iżvilupp u għall-konsolidazzjoni tad-demokrazija u tas-supremazija tad-dritt, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali.

2. B'mod partikolari, għajnuna ta' din ix-xorta għandu jkollha l-għan li

   a) ttejjeb ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali fejn dawn ikunu l-iktar f'riskju u tipprovdi appoġġ u solidarjetà lill-vittmi tar-ripressjoni u ta' l-abbuż;

   b) issaħħaħ ir-rwol tas-soċjetà ċivili fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tar-riforma demokratika, tiżviluppa l-parteċipazzjoni u r-rappreżentazzjoni politika, u tappoġġja l-prevenzjoni tal-kunflitti;

   c) tappoġġja l-qafas internazzjonali għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, tas-supremazija tad-dritt u tal-promozzjoni tad-demokrazija;

   d) tibni l-kunfidenza fi proċessi elettorali demokratiċi permezz ta' aktar żvilupp ta' l-osservazzjoni u ta' l-għajnuna elettorali.

Artikolu 2
L-ambitu

1. Wara li jitqiesu l-Artikoli 1 u 3, l-għajnuna tal-Komunità għandha tirrelata ma' l-oqsma li ġejjin:

   (a) appoġġ għad-demokrazija u għall-proċessi tad-demokratizzazzjoni, b'mod partikolari billi jissaħħaħ ir-rwol tas-soċjetà ċivili fi

   i) l-iżvilupp tal-parteċipazzjoni u tar-rappreżentazzjoni politika taċ-ċittadini, fl-inkoraġġiment ta' djalogu u kooperazzjoni fis-soċjetà ċivili, u l-għajnuna biex tingħata s-setgħa lis-sezzjonijiet emarġinati tal-popolazzjoni;

   ii) l-inkoraġġiment ta' proċessi parteċipatorji għat-teħid tad-deċiżjonijiet fuq livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ugwali ta' l-irġiel u tan-nisa' fis-soċjetà ċivili, u fil-ħajja ekonomika u politika;

   iii) it-trawwim tar-rispett reċiproku u tal-pluraliżmu kemm fuq il-livell tas-soċjetà ċivili kif ukoll fuq il-livell politiku permezz tal-promozzjoni tal-libertà ta' l-

espressjoni u ta' l-assemblea, ta' medja indipendenti u responsabbli, ta' aċċess mingħajr tfixkil għall-informazzjoni, u tal-libertà ta' assoċjazzjoni;

iv) it-tisħiħ tas-supremazija tad-dritt u l-inkoraġġiment tar-riforma legali, ta' l-indipendenza tal-ġudikatura, tal-ġlieda kontra l-impunità u l-kontribut għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi tranżitorji tal-ġustizzja u tar-rikonċiljazzjoni, inkluż l-appoġġ għall-istabbiliment u għall-funzjonament ta' tribunali internazzjonali *ad hoc* u tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;

v) l-appoġġ ta' riformi biex jinkisbu obbligu ta' rendikont u sorveljanza demokratika effettiva, inkluża s-sorveljanza tas-settur tas-sigurtà, u l-inkoraġġiment tal-miżuri kontra l-korruzzjoni;

vi) l-applikazzjoni ta' metodi ta' prevenzjoni tal-kunflitti u ta' soluzzjoni għall-kunflitti, sabiex jiġi evitat kunflitt vjolenti, jingħelbu l-kawżi primarji u jiġu żviluppati proċessi demokratiċi xierqa biex jiġu ggwidati u ġestiti l-interessi diverġenti;

(b) il-promozzjoni u d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kif ipproklamati fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fi strumenti internazzjonali oħrajn li jikkonċernaw id-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali. Dan jinkludi appoġġ permezz tas-soċjetà ċivili għal:

i) l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, il-prevenzjoni tat-tortura u t-trattament ħażin u r-riabilitazzjoni tal-vittmi tat-tortura u ta' l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem;

ii) id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

iii) il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija, id-diskriminazzjoni minħabba kwalunkwe raġuni;

iv) il-minoranzi, il-gruppi etniċi u l-popli indiġeni;

v) id-drittijiet tan-nisa;

vi) id-drittijiet tat-tfal;

vii) l-istandards ċentrali tax-xogħol;

viii) l-edukazzjoni, t-taħriġ u l-monitoraġġ fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija;

(c) it-tisħiħ tal-qafas internazzjonali għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, tas-supremazija tad-dritt u l-promozzjoni tad-demokrazija, b'mod partikolari billi

i) ikun provdut appoġġ għal strumenti speċifiċi internazzjonali u reġjonali li jikkonċernaw id-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja u d-demokrazija;

ii) titrawwem il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet multilaterali u reġjonali;

iii) tkun promossa l-osservanza tal-liġi umanitarja internazzjonali;

(d) il-bini tal-kunfidenza fi proċessi elettorali demokratiċi, b'mod partikolari

i) permezz ta' l-użu tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea;

ii) billi jingħata kontribut għall-iżvilupp tal-kapaċita' ta' osservazzjoni elettorali fuq il-livell reġjonali u lokali, u billi jiġu appoġġati inizjattivi biex titkabbar il-parteċipazzjoni u l-fiduċja fil-proċess elettorali;

2. Il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, tad-drittijiet tat-tfal, tad-drittijiet tal-popli indiġeni, u tal-prevenzjoni tal-kunflitti għandhom jitqiesu safejn ikun xieraq mill-miżuri kollha ta' għajnuna msemmija f'dan ir-Regolament.

3. Il-miżuri ta' għajnuna jistgħu jiġu implimentati fuq bażi globali jew reġjonali, jew fit-territorji tal-pajjiżi terzi. Il-miżuri ta' għajnuna li ġew implimentati fit-territorju ta' Stat Membru għandhom ikunu relatati b'mod dirett mas-sitwazzjonijiet li jinqalgħu fil-pajjiżi terzi.

Artikolu 3
Il-Komplementarjetà u l-Koerenza ta' l-Għajnuna tal-Komunità

1. L-għajnuna tal-Komunità skond dan ir-Regolament għandha tkun komplementari għal dik li provduta skond ir-Regolamenti li jistabbilixxu l-Istrument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni, l-Istrument Ewropew tal-Viċinat u s-Sħubija, l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-iżvilupp u tal-Kooperazzjoni Ekonomika, il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra[10], u l-Istrument għall-Istabbiltà. L-għajnuna tal-Komunità skond dan ir-Regolament għandha tkun provduta jekk, u sakemm, ma tistax tkun provduta waħidha għajnuna adegwata skond dawn l-istrumenti, jew jekk l-għajnuna tista' tkun provduta b'mod iktar effettiv skond dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-miżuri adottati skond dan ir-Regolament ikunu konsistenti mal-qafas ġenerali tal-politika strateġika tal-Komunità u b'mod partikolari ma' l-għanijiet ta' l-istrumenti t'aktar 'il fuq, kif ukoll ma' miżuri rilevanti oħrajn tal-Komunità u miżuri skond it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

3. Sabiex tiżdied l-effettività u l-konsistenza tal-miżuri ta' għajnuna tal-Komunità u ta' l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tippromwovi koordinazzjoni mill-qrib bejn l-attivitajiet tagħha stess u dawk ta' l-Istati Membri, kemm fuq il-livell tat-teħid tad-deċiżjonijiet kif ukoll fil-prattika. Il-koordinazzjoni għandha tinvolvi konsultazzjonijiet regolari u skambji frekwenti ta' l-informazzjoni rilevanti matul id-diversi fażijiet taċ-ċiklu ta' l-għajnuna**,** b'mod partikolari fuq il-livell lokali u għandha tikkostitwixxi pass ewlieni fil-proċessi ta' programmazzjoni tal-Komunità u ta' l-Istati Membri.

4. Il-Kummissjoni għandha tfittex skambji regolari ta' informazzjoni mal-Parlament Ewropew.

---

10 ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3; ĠU L 385, 29.12.2004, p. 88

5. Il-Kummissjoni għandu jkollha djalogu mas-soċjetà ċivili dwar l-implimentazzjoni ta' l-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

TITOLU II
L-IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 4
Il-qafas ġenerali għall-implimentazzjoni

L-għajnuna tal-Komunità skond dan ir-Regolament għandha tkun implimentata permezz tal-miżuri li ġejjin:

a) id-Dokumenti ta' Strateġija u r-Reviżjonijiet tagħhom kif ikun xieraq;

b) il-Programmi Annwali ta' Azzjoni;

c) il-Miżuri Speċjali;

Artikolu 5
Id-Dokumenti ta' Strateġija u r-Reviżjonijiet

1. Id-Dokumenti ta' Strateġija għandhom jistabbilixxu l-istrateġija tal-Komunità għall-għajnuna tal-Komunità skond dan ir-Regolament, il-prijoritajiet tal-Komunità, is-sitwazzjoni internazzjonali u l-attivitajiet ta' l-imsieħba prinċipali.

2. Id-Dokumenti ta' Strateġija għandhom jistabbilixxu l-oqsma ta' prijorità magħżula għall-finanzjament mill-Komunità, l-għanijiet speċifiċi, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi tar-rendiment. Għandhom jagħtu wkoll l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva, kemm ġenerali kif ukoll għal kull qasam ta' prijorità; din tista' tingħata fil-forma ta' medda, fejn ikun xieraq.

3. Id-Dokumenti ta' Strateġija, u kwalunkwe reviżjoni jew estensoni tagħhom, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16(2). Għandhom ikopru mhux aktar mill-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament. Id-dokumenti ta' strateġija għandhom jiġu riveduti f'nofs it-term, jew *ad hoc* jekk ikun meħtieġ.

4. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lil xulxin, kif ukoll lil donaturi u atturi oħrajn inklużi r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, fi stadju bikri tal-proċess ta' programmazzjoni sabiex jippromwovu l-komplementarjetà bejn l-attivitajiet ta' kooperazzjoni tagħhom.

Artikolu 6
Il-Programmi Annwali ta' Azzjoni

1. Minkejja l-Artikolu 7, il-Kummissjoni għandha tadotta Programmi Annwali ta' Azzjoni bbażati fuq id-Dokumenti ta' Strateġija u r-Reviżjonijiet msemmija fl-Artikolu 5.

2. Il-Programmi Annwali ta' Azzjoni għadhom jispeċifikaw l-għanijiet segwiti, l-oqsma ta' intervent, ir-riżultati mistennija, il-proċeduri ta' ġestjoni u l-ammont totali ta' finanzjament ippjanat. Għandhom jinkludu deskrizzjoni ta' l-operazzjonijiet li

għandhom ikunu ffinanzjati, indikazzjoni ta' l-ammonti allokati għal kull operazzjoni u skeda indikattiva ta' l-implimentazzjoni. L-għanijiet għandhom ikunu miżurabbli u għandhom ikollhom punti ta' referenza marbutin biż-żmien.

3. Il-Programmi Annwali ta' Azzjoni, u kwalunkwe reviżjoni jew estensjoni tagħhom, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16(2). F'każijiet fejn l-emendi għall-Programmi Annwali ta' Azzjoni ma jaqbżux l-20% ta' l-ammont globali allokat lilhom, il-Kummissjoni għandha tadotta emendi ta' din ix-xorta. Hija għandha tinforma lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 16(1).

4. F'każ li Programm Annwali ta' Azzjoni ma jkunx għadu ġie adottat, b'mod eċċezzjonali, fuq il-bażi tad-Dokumenti ta' Strateġija msemmija fl-Artikolu 5, il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri li ma jkunx hemm provvediment għalihom fi Programm Annwali ta' Azzjoni, skond l-istess regoli u proċeduri bħall-Programmi Annwali ta' Azzjoni.

Artikolu 7
Il-Miżuri Speċjali

1. Minkejja l-Artikolu 5, fil-każ ta' ħtiġijiet mhux previsti jew ċirkostanzi eċċezzjonali, il-Kummissjoni tista' tadotta Miżuri Speċjali li mhumiex koperti f'Dokumenti ta' Strateġija.

2. Il-Miżuri Speċjali għandhom jispeċifikaw l-għanijiet segwiti, l-oqsma ta' attività, ir-riżultati mistennija u l-ammont totali ta' finanzjament ippjanat. Għandhom jinkludu deskrizzjoni ta' l-operazzjonijiet li għandhom ikunu ffinanzjati, indikazzjoni ta' l-ammonti allokati għal kull operazzjoni u skeda indikattiva ta' l-implimentazzjoni.

3. Fejn l-ispiża ta' miżuri ta' din ix-xorta taqbeż l-EUR 5 miljuni, il-Kummissjoni għandha tadottahom skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16(2).

4. Għal Miżuri Speċjali ta' inqas minn EUR 5 miljuni, il-Kummissjoni għandha tibgħat il-miżuri lill-Istati Membri bħala informazzjoni fi żmien xahar mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tagħha.

Artikolu 8
Il-miżuri ta' appoġġ

1. Il-finanzjament tal-Komunità skond dan ir-Regolament jista' jkopri n-nefqa assoċjata mal-preparazzjoni, ma' l-azzjoni ta' segwitu, mal-monitoraġġ, ma' l-attivitajiet ta' verifika u ta' evalwazzjoni meħtieġa b'mod dirett għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u għall-kisba ta' l-għanijiet tiegħu, bħal studji, laqgħat, informazzjoni, attivitajiet ta' taħriġ u ta' pubblikazzjoni, in-nefqa assoċjata ma' netwerks tal-kompjuter għall-iskambju ta' l-informazzjoni, u kwalunkwe għajnuna amministrattiva jew teknika oħra li tkun meħtieġa għall-ġestjoni tal-programm. Jista' jkopri wkoll nefqa, fejn ikun xieraq, għal azzjonijiet biex ikun enfasizzat il-karattru tal-Komunità tal-miżuri ta' għajnuna, għal attivitajiet biex ikunu spjegati l-għanijiet u r-riżultati tal-miżuri ta' għajnuna lill-pubbliku ġenerali fil-pajjiżi kkonċernati.

2. Il-finanzjament tal-Komunità għandu jkopri wkoll in-nefqa tad-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-appoġġ amministrattiv meħtieġ biex ikunu ġestiti l-operazzjonijiet iffinanzjati skond dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta Miżuri ta' Appoġġ li mhumiex koperti minn Dokumenti ta' Strateġija kif imsemmija fl-Artikolu 5 skond il-paragrafi 3 u 4 ta' l-Artikolu 7.

Artikolu 9
L-eliġibiltà

1. Bla preġudizzju għall-Artikolu 13, il-korpi u l-atturi li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament skond dan ir-Regolament għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna msemmija fl-Artikoli 6 u 7:

   a) is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet ibbażati fil-Komunità u networks tagħhom fuq il-livell nazzjonali, reġjonali, u internazzjonali;

   b) l-aġenziji, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet mingħajr qligħ tas-settur pubbliku jew privat, u n-netwerks fuq il-livell nazzjonali, reġjonali, u internazzjonali;

   c) l-organizzazzjonijiet inter-governattivi internazzjonali u reġjonali;

   d) il-persuni naturali meta dan ikun meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

2. Korpi jew atturi oħrajn mhux elenkati fil-paragrafu (1) jistgħu ikunu ffinanzjati meta dan ikun meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10
Il-Proċeduri ta' Ġestjoni

1. Il-miżuri ta' għajnuna ffinanzjati skond dan ir-Regolament għandhom jiġu implimentati skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002[11] u kwalunkwe reviżjoni tiegħu fuq bażi ċċentralizzata jew permezz ta' ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali skond l-Artikolu 53(1) ta' dak ir-Regolament.

2. Skond l-Artikolu 54 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, il-Kummissjoni tista', tiddeċiedi li tafda l-kompiti ta' awtorità pubblika, u b'mod partikolari kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit, lill-korpi msemmija fl-Artikolu 54(2)(c) ta' dak ir-Regolament.

11 ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1

Artikolu 11
L-impenji baġitarji

1. L-impenji baġitarji għandhom isiru fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni skond l-Artikoli 6, 7 u 8.

2. Il-finanzjament tal-Komunità jista' jieħu waħda mill-forom legali li ġejjin, *inter alia*:

   a) il-ftehimiet ta' għotja, id-deċiżjonijiet ta' għotja jew il-ftehimiet ta' kontribut;

   b) il-ftehimiet skond l-Artikolu 54 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002;

   c) il-kuntratti ta' akkwist;

   d) il-kuntratti ta' impjieg.

Artikolu 12
It-tipi ta' finanzjament

1. Il-finanzjament tal-Komunità jista' jieħu l-forom li ġejjin:

   a) il-proġetti u l-programmi;

   b) l-għotjiet biex ikunu ffinanzjati proġetti mressqa mill-organizzazzjonijiet inter-governattivi internazzjonali u reġjonali elenkati fl-Artikolu 9(1) (c) ;

   c) l-għotjiet li jappoġġjaw l-ispejjeż operattivi taċ-Ċentru Ewropew Inter-Universitarju għad-Drittijiet tal-Bniedem u għad-Demokratizzazzjoni (EIUC), b'mod partikolari għall-Programm tal-Lawrja Ewropea ta' Masters fid-Drittijiet tal-Bniedem u fid-Demokratizzazzjoni, u l-Programm ta' Borża ta' Studju UE-NU, aċċessibbli għal kollox lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif ukoll attivitajiet oħra edukattivi, ta' taħriġ u ta' riċerka li jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni;

   d) il-kontributi għal fondi internazzjonali, bħal dawk ġestiti minn organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali;

   e) ir-riżorsi umani u l-materjali għall-implimentazzjoni effettiva tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni ta' l-Elezzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea;

   f) il-kuntratti pubbliċi kif iddefiniti fl-Artikolu 88 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002[12].

2. Il-miżuri ffinanzjati skond dan ir-Regolament huma eliġibbli għal ko-finanzjament mingħand dawn li ġejjin, b'mod partikolari mingħand:

   a) l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali tagħhom, u b'mod partikolari l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom;

12 ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1

b) pajjiżi donaturi oħrajn, u b'mod partikolari l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom;

c) l-organizzazzjonijiet inter-governattivi internazzjonali u reġjonali;

d) il-kumpaniji, id-ditti, organizzazzjonijiet u negozji privati oħrajn, u atturi oħra mhux Statali.

3. Fil-każ ta' ko-finanzjament parallel, il-proġett jew il-programm jinqasam f'numru ta' komponenti li jistgħu ikunu identifikati b'mod ċar, li kull wieħed minnhom jiġi ffinanzjat minn imsieħba differenti li jipprovdu ko-finanzjament b'tali mod li l-użu finali tal-finanzjament jista' dejjem jiġi identifikat. Fil-każ ta' ko-finanzjament konġunt, l-ispiża totali tal-proġett jew tal-programm tinqasam bejn l-imsieħba li jipprovdu l-ko-finanzjament u r-riżorsi jiġu ppuljati b'tali mod li ma jkunx possibbli li jiġi identifikat is-sors tal-finanzjament għal kwalunkwe attività partikolari li titwettaq bħala parti mill-proġett jew mill-programm.

4. Fil-każ ta' ko-finanzjament konġunt, il-Kummissjoni tista' tirċievi u tiġġestixxi fondi f'isem il-korpi msemmija fil-paragrafu 2 (a), (b), u (c), għall-fini ta' l-l-implimentazzjoni tal-miżuri konġunti. Fondi ta' din ix-xorta għandhom jiġu trattati bħala dħul assenjat skond l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

5. Fil-każ ta' ko-finanzjament u f'każijiet oħra ġġustifikati b'mod xieraq, il-Kummissjoni tista' tafda kompiti ta' awtorità pubblika, u b'mod partikolari kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit, lill-korpi msemmija fl-Artikolu (2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1605/2002.

Artikolu 13
Ir-regoli tal-parteċipazzjoni u r-regoli ta' l-oriġini

1. Il-parteċipazzjoni fl-għotja ta' kuntratti ta' akkwist jew għal ta' għotjiet iffinanzjati skond dan ir-Regolament għandha tkun miftuħa għall-persuni naturali kollha li huma ċittadini ta' jew persuni legali li huma stabbiliti fi Stat Membru tal-Komunità, f'pajjiż kandidat uffiċjali kif inhu rikonoxxut mill-Komunità Ewropea jew fi Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea.

Il-parteċipazzjoni fl-għotja ta' kuntratti ta' akkwist jew ta' għotjiet iffinanzjati skond dan ir-Regolament għandha tkun miftuħa wkoll għall-persuni naturali kollha li huma ċittadini ta' jew persuni legali li huma stabbiliti f'pajjiż li qiegħed jiżviluppa, kif speċifikat mill-Kumitat ta' l-Għajnuna għall-Iżvilupp ta' l-OECD, flimkien mal-persuni naturali jew legali eliġibbli minħabba dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna l-lista tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li ġiet stabbilita mill-Kumitat ta' l-Għajnuna għall-Iżvilupp ta' l-OECD, skond ir-reviżjonijiet regolari ta' din il-lista.

2. Il-parteċipazzjoni fl-għotja ta' kuntratti ta' akkwist jew ta' għotjiet iffinanzjati skond dan ir-Regolament għandha tkun miftuħa wkoll għall-persuni naturali kollha li huma ċittadini ta' jew persuni legali li huma stabbiliti fi kwalunkwe pajjiż minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, fejn ġie stabbilit aċċess reċiproku għall-għajnuna esterna

tagħhom. L-aċċess reċiproku għandu jingħata kulmeta pajjiż jagħti l-eliġibilità b'termini ndaqs lill-Istati Membri u lill-pajjiż riċeventi kkonċernat.

L-aċċess reċiproku għandu jiġi stabbilit permezz ta' deċiżjoni speċifika li tikkonċerna pajjiż partikolari jew grupp reġjonali ta' pajjiżi partikolari. Deċiżjoni ta' din ix-xorta għandha tiġi adottata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16(2) u għandha tkun fis-seħħ għal perjodu minimu ta' sena.

3. Il-parteċipazzjoni fl-għotja ta' għotjiet u ta' kuntratti pubbliċi ffinanzjati skond dan ir-Regolament għandha tkun miftuħa għall-organizzazzjonijiet internazzjonali.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1, 2 u 3 huma bla preġudizzju għall-parteċipazzjoni tal-kategoriji ta' organizzazzjonijiet eliġibbli minħabba n-natura jew il-lokalizzazzjoni fir-rigward ta' l-għanijiet ta' l-azzjoni li għandha titwettaq.

5. L-esperti jistgħu ikunu ta' kwalunkwe nazzjonalità. Dan huwa bla preġudizzju għar-rekwiżiti kwalitativi u finanzjarji stabbiliti fir-regoli dwar l-akkwisti tal-Komunità.

6. Jekk il-miżuri ffinanzjati skond dan ir-Regolament jiġu implimentati fuq bażi ċentralizzata u b'mod indirett permezz ta' delega lil korpi speċjalizzati tal-Komunità, korpi tas-settur pubbliku internazzjonali jew nazzjonali, jew korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku skond l-Artikolu 54(2) c) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, il-parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku u ta' għotja ta' għotjiet ta' l-enitità li tiġġestixxi għandha tkun miftuħa għall-persuni naturali li huma ċittadini tal-pajjiżi li għandhom aċċess għall-kuntratti u għall-għotjiet tal-Komunità skond il-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 1, u ta' kwalunkwe pajjiż ieħor eliġibbli skond ir-regoli u l-proċeduri ta' l-entità li tiġġestixxi, u għall-persuni legali li huma stabbiliti f'dawk il-pajjiżi.

7. Kulmeta l-għajnuna tal-Komunità tkopri operazzjoni implimentata permezz ta' organizzazzjoni internazzjonali, il-parteċipazzjoni fil-proċeduri kuntrattwali xierqa għandha tkun miftuħa għall-persuni naturali u għall-persuni legali kollha li huma eliġibbli skond dan l-Artikolu kif ukoll għall-persuni naturali u għall-persuni legali kollha li huma eliġibbli skond ir-regoli ta' dik l-organizzazzjoni, filwaqt li tingħata attenzjoni ħalli jiġi żgurat li jingħata trattament indaqs lid-donaturi kollha. L-istess regoli għandhom japplikaw fir-rigward tal-provvisti, tal-materjali u ta' l-esperti.

8. Kulmeta l-finanzjament tal-Komunità jkopri operazzjoni li hija ko-finanzjata ma' pajjiż terz, soġġett għar-reċiproċità, jew ma' organizzazzjoni reġjonali, jew ma' Stat Membru, il-parteċipazzjoni fil-proċeduri kuntrattwali xierqa għandha tkun miftuħa għall-persuni naturali u għall-persuni legali kollha li huma eliġibbli skond dan l-Artikolu, kif ukoll għall-persuni naturali u għall-persuni legali kollha li huma eliġibbli skond ir-regoli ta' pajjiż terz, organizzazzjoni reġjonali jew Stat Membru ta' din ix-xorta. L-istess regoli għandhom japplikaw fir-rigward tal-provvisti, tal-materjali u ta' l-esperti.

9. Il-provvisti u l-materjali kollha li jinxtraw skond kuntratt iffinanzjat skond dan ir-Regolament iridu joriġinaw mill-Komunità jew minn pajjiż eliġibbli kif iddefinit fil-paragrafi 1 u 2. It-terminu "oriġini" għall-fini ta' dan ir-Regolament huwa definit fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Komunità dwar ir-regoli ta' l-oriġini għal finijiet doganali.

10. F'każijiet issostanzjati b'mod xieraq, il-Kummissjoni tistà tawtorizza l-parteċipazzjoni ta' persuni naturali u legali jew minn pajjiżi li għandhom rabtiet ekonomiċi, kummerċjali jew ġeografiċi tradizzjonali ma' pajjiżi ġirien, jew minn pajjiżi terzi oħrajn, u x-xiri u l-użu tal-provvisti u tal-materjali ta' oriġini differenti.

11. Id-derogi jistgħu jkunu ġġustifikati fuq il-bażi tan-nuqqas ta' disponibilità tal-prodotti u tas-servizzi fis-swieq tal-pajjiżi kkonċernati, għal raġunijiet ta' urġenza kbira, jew jekk ir-regoli ta' eliġibiltà għandhom jagħmlu t-twettiq ta' proġett, programm jew azzjoni impossibbli jew diffiċli immens.

12. Dawk li tefgħu l-offerti u ngħataw il-kuntratti għandhom jirrispettaw l-istandards tax-xogħol ċentrali mifthiema internazzjonalment, bħall-istandards ċentrali tax-xogħol ta' l-ILO, il-konvenzjonijiet dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv, l-eliminazzjoni ta' xogħol forzat u ta' bilfors, l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward ta' l-impiegi u ta' l-okkupazzjoni, u l-abolizzjoni tax-xogħol tat-tfal.

Artikolu 14
Il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità

1. Kwalunkwe ftehim jew kuntratt li jirriżulta mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jinkludi dispożizzjonijiet li jiżguraw il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità, b'mod partikolari fir-rigward tal-frodi, tal-korruzzjoni u ta' kwalunkwe irregolarità oħra skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/1995[13], ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2185/1996[14], u r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15].

2. Il-ftehimiet u l-kuntratti għandhom jagħtu d-dritt b'mod espliċitu lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri li jkollhom is-setgħa ta' verifika, fuq il-bażi tad-dokumenti u fuq il-post, fuq il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li jkunu rċevew fondi tal-Komunità. B'mod espliċitu, għandhom jawtorizzaw ukoll lill-Kummissjoni biex twettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, kif provdut fir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2185/1996 tal-11 ta' Novembru 1996.

Artikolu 15
L-evalwazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja u tirrivedi b'mod regolari il-programmi tagħha, u għandha tevalwa l-effettività tal-programmazzjoni sabiex tiżgura ruħha jekk l-għanijiet intlaħqux u sabiex tkun tista' tifformula rakkomandazzjonijiet bil-għan li ttejjeb l-operazzjonijiet futuri.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapporti ta' evalwazzjoni tagħha lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 16(1) u lill-Parlament Ewropew bħala informazzjoni. L-Istati Membru jistgħu jitolbu diskussjoni ta' evalwazzjonijiet speċifiċi fil-Kumitat

13 ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1
14 ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2
15 ĠU L 136, 31.5.1999. p. 1

imsemmi fl-Artikolu 16(1). Ir-riżultati għandhom jerġgħu jidħlu bħala informazzjoni fit-tfassil tal-programmi u fl-allokazzjoni tar-riżorsi.

3. Il-Kummissjoni għandha tassoċja lill-partijiet interessati kollha kif ikun xieraq fil-fażi ta' l-evalwazzjoni ta' l-għajnuna tal-Komunità provduta skond dan ir-Regolament. Jistgħu jitwettqu evalwazzjonijiet konġunti ma' l-Istati Membri, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali jew ma' korpi oħrajn.

TITOLU III

ID-DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 16
Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna minn Kumitat għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem, li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ "il-Kumitat".

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE16, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha. Il-perjodu provdut fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE għandu jkun ta' 30 ġurnata.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

4. Il-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew bħala informazzjoni.

Artikolu 17
Ir-Rapport Annwali

1. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna mwettqa skond dan ir-Regolament u għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rapport annwali dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati u, safejn ikun possibbli, ir-riżultati u l-impatti ewlenin ta' l-għajnuna. Ir-rapport għandu jkun parti integrali mir-Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-politika ta' żvilupp tal-Komunità Ewropea u dwar l-implimentazzjoni ta' l-għajnuna esterna u mir-Rapport Annwali ta' l-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Ir-rapport annwali għandu jinkludi informazzjoni relatata mas-sena ta' qabel dwar il-miżuri ffinanzjati, ir-riżultati ta' l-eżerċizzji ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni, l-involviment ta' l-imsieħba rilevanti, u l-implimentazzjoni ta' l-impenji u tal-ħlasijiet baġitarji, analizzati statistikament skond il-miżuri globali, reġjonali, u tal-pajjiżi, u l-oqsma ta' l-għajnuna. Se jivvaluta r-riżultati ta' l-għajnuna biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 18
L-ammont ta' referenza finanzjarju

L-ammont ta' referenza finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu 2007-2013 għandu jkun ta' EUR 1.103,702 miljun. L-approprjazzjonijiet annwali

16 ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23

għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-limiti tal-Perspettiva Finanzjarja 2007 – 2013.

Artikolu 19
Ir-reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, sal-31 ta' Diċembru 2010, rapport li jevalwa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-ewwel tliet snin, jekk ikun xieraq bi proposta leġiżlattiva li tintroduċi l-modifiki meħtieġa għall-istrument.

Artikolu 20
Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

IL-PROSPETT FINANZJARJU LEĠIŻLATTIV

1. L-ISEM TAL-PROPOSTA:

IR-REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL DWAR L-ISTABBILIMENT TA' STRUMENT TA' FINANZJAMENT GĦALL-PROMOZZJONI TAD-DEMOKRAZIJA U TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM MADWAR ID-DINJA (STRUMENT EWROPEW GĦAD-DEMOKRAZIJA U GĦAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM)

2. IL-QAFAS ABM / ABB

Qasam(Oqsma) ta' Politika kkonċernat(i) u Attività/Attivitajiet assoċjata(i): Id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija – Inizjattiva Ewropea għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (19.04)

3. IL-LINJI TAL-BAĠIT

3.1. Il-linji tal-baġit (linji operattivi u linji ta' għajnuna teknika u amministrattiva relatati (ex-linji B.A)) li jinkludu l-intestaturi:

19.01.04.01	L-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u tal-Kooperazzjoni Ekonomika (DCECI) – In-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva (parti)
19.01.04.02	L-Istrument Ewropew tal-Viċinat u s-Sħubija (ENPI) – In-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva (parti)
19.01.04.03	L-Istrument għall-Istabbiltà (IfS) – In-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva
19.04.01	Iċ-Ċentru Ewropew Inter-Universitarju
19.04.02.01	Id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija – Attivitajiet skond il-kopertura orizzontali u ġeografika ta' l-Istrument Ewropew tal-Viċinat
19.04.02.02	Id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija – Attivitajiet skond il-kopertura orizzontali u ġeografika ta' l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u tal-Kooperazzjoni Ekonomika
19.04.02.03	Id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija – Attivitajiet skond il-kopertura orizzontali u ġeografika ta' l-Istrument ta' Qabel l-Adeżjoni
19.04.02.04	Id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija – Attivitajiet skond il-kopertura orizzontali u ġeografika ta' l-Istrument għall-Istabbiltà

19.04.03.01	Il-missjonijiet elettorali u ta' osservazzjoni ta' l-UE – Attivitajiet skond il-kopertura orizzontali u ġeografika ta' l-Istrument Ewropew tal-Viċinat
19.04.03.02	Il-missjonijiet elettorali u ta' osservazzjoni ta' l-UE – Attivitajiet skond il-kopertura orizzontali u ġeografika ta' l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u tal-Kooperazzjoni Ekonomika
19.04.04	Azzjoni preparatorja biex jiġi stabbilit netwerk għall-prevenzjoni tal-kunflitti
19.04.05	L-ikkompletar tal-kooperazzjoni preċedenti

Ta' min jinnota li l-adozzjoni tal-proposta għal Regolament li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja se jkollha ħtieġa ta' reviżjoni ta' l-istruttura tal-kapitolu 19.04 tal-baġit.

3.2. It-tul ta' żmien ta' l-azzjoni u ta' l-impatt finanzjarju:

2007 - 2013

3.3. Il-karatteristiċi tal-baġit:

Linja tal-Baġit	**Tip ta' nefqa**		**Ġdid**	**Kontribuzzjoni EFTA**	**Kontribuzzjonijiet minn pajjiżi applikanti**	**Intestatura fil-perspettivi finanzjarji**
19.04	Non-comp	Diff[1]/ Non-diff[2]	IVA	LE	LE	**Nru 4**

4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

4.1. Ir-Riżorsi Finanzjarji

4.1.1. Sommarju ta' l-approprjazzjonijiet ta' impenn (AI) u l-approprjazzjonijiet ta' ħlas (AĦ)

EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)

Tip ta' nefqa	Nru tas-Sezzjoni		Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	Total

1 Differentiated appropriations
2 Non-differentiated appropriations hereafter referred to as NDA

Nefqa operattiva[3]

Approprjazzjonijiet ta' impenn (AI)	8.1.	a	130,673	136,963	141,764	145,825	151,873	320,533	1.027,631
Approprjazzjonijiet ta' ħlas (AĦ)		b	64,422	101,890	129,824	142,211	150,358	438,926	1027,631

Nefqa amministrattiva fi ħdan l-ammont ta' referenza[4]

Assistenza teknika u amministrattiva (NDA)	8.2.4.	c	9,406	10,248	10,599	10,712	11,240	23,866	76,071

AMMONT TOTALI TA' REFERENZA

Approprjazzjonijiet ta' impenn		a+c	**140,079**	**147,211**	**152,363**	**156,537**	**163,113**	**344,399**	**1.103,702**
Approprjazzjonijiet ta' ħlas		b+c	73,828	112,138	140,423	159,923	161,598	462,792	1103,702

4.1.2. Il-kompatibilità mal-Programmazzjoni Finanzjarja

☑ Il-proposta hija kompatibbli mal-programmazzjoni finanzjarja eżistenti.

☐ Il-proposta se tinvolvi l-programmazzjoni mill-ġdid ta' l-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.

☐ Il-proposta tista' teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali[5] (jiġifieri l-istrument ta' flessibilità jew ir-reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

4.1.3. L-impatt finanzjarju fuq id-Dħul

☑ Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja fuq id-dħul

☐ Il-proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

3 Expenditure that does not fall under Chapter xx 01 of the Title xx concerned.
4 Expenditure within article xx 01 04 of Title xx.
5 Ara l-punti 19 u 24 tal-ftehim Interistituzzjonali.

5. IL-KARATTERISTIĊI U L-GĦANIJIET

5.1. Il-valur miżjud ta' l-involviment tal-Komunità u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti ta' finanzjament oħra u sinerġija possibbli

Il-ġustifikazzjoni għal programm tematiku separat għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja komuni għall-erba' strumenti l-ġodda kollha ġejja mill-fatt li l-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem tinsab fost l-għanijiet proposti u l-miżuri eliġibbli tat-tliet strumenti ġeografiċi kollha (l-ENPI, id-DCECI u l-IPA) kif ukoll ta' l-Istrument għall-Istabbiltà. L-opportunitajiet għal interventi speċifiċi se jinqalgħu fil-kuntest tal-programmi ġeografiċi. Madankollu, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem huma kwisjonijiet *per eccellenza* ta' tħassib u ta' rilevanza globali. Għalhekk hemm il-ħtieġa għal kapaċità KE biex jiġu artikulati u appoġġjati għanijiet u miżuri speċifiċi fuq livell internazzjonali, li la jkunu marbuta b'mod ġeografiku u lanqas relatati ma' kriżi. Barra minn hekk, il-kampanji globali li jirrelataw mad-drittijiet tal-bniedem u mad-demokrazija jeħtieġu metodu transnazzjonali u jistgħu jinvolvu operazzjonijiet kemm fi ħdan l-UE kif ukoll f'medda ta' pajjiżi msieħba. Għal operazzjonijiet bħall-osservazzjoni ta' l-elezzjonijet mill-UE, huwa meħtieġ programm tematiku wieħed biex tiġi żgurata koerenza tal-politika, sistema ta' ġestjoni unifikata u standards operattivi komuni.

5.2. L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ABM

L-għan ġenerali għandu jkun li jingħata kontribut għall-iżvilupp u għall-konsolidazzjoni tad-demokrazija, għall-prevenzjoni tal-kunflitti u għar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, skond il-politiki u l-linji ta' gwida ta' l-UE u f'kooperazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili.

L-oqsma ewlenin ta' attività se jinkludu:

- il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali fejn qegħdin fl-ikbar riskju, speċjalment il-libertajiet ta' l-espressjoni u ta' l-assoċjazzjoni u l-ħarsien tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, bħala prerekwiżiti għal attività tas-soċjetà ċivili u avvanz lejn id-demokrazija; l-appoġġ għall-vittmi tar-ripressjoni, b'mod partikolari għar-riabilitazzjoni tal-vittmi tat-tortura u ta' trattament ħażin;

- it-tisħiħ tar-rwol tas-soċjetà ċivili fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tar-riforma demokratika u tal-prevenzjoni tal-kunflitti, inkluż l-appoġġ biex tittejjeb ir-rappreżentazzjoni u l-parteċipazzjoni politika u biex ikun żviluppat djalogu mas-soċjetà ċivili f'soċjetajiet maqsuma;

- l-inkoraġġiment ta' gruppi rrappreżentati b'mod inqas tajjeb sabiex jiksbu vuċi u jipparteċipaw fis-soċjetà ċivili u fis-sistema politika, il-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni minħabba kwalunkwe raġuni, u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-minoranzi u tal-popli indiġeni;

- it-tisħiħ tad-drittijiet tan-nisa u tat-tfal bħala mira speċifika u wkoll bl-integrazzjoni tad-drittijiet tat-tfal u bl-ugwaljanza bejn is-sessi fl-attivitajiet kollha;

- it-tisħiħ tal-qafas internazzjonali għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, is-supremazija tad-dritt u l-promozzjoni tad-demokrazija, b'mod partikolari l-mekkaniżmi internazzjonali tal-ġustizzja kriminali u l-istrumenti legali ċentrali;

- il-bini ta' kunfidenza fi proċessi elettorali demokratiċi, permezz ta' iktar żvilupp ta' l-osservazzjoni elettrorali mill-UE u ta' l-appoġġ għall-kapaċità ta' osservazzjoni fuq il-livell reġjonali u nazzjonali.

Il-programm se:

- jkun globali fl-ambitu tiegħu, jappoġġa attivitajiet fuq livell internazzjonali, reġjonali u nazzjonali, inkluż fi ħdan l-UE, fejn jista' jappoġġja attivitajiet direttament relatati ma' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi; jippromwovi metodu integrat għall-bini tad-demokrazija u għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u jiżgura sensittività għas-sessi u għall-kunflitt;

- jaħdem primarjament ma' u permezz tas-soċjetà ċivili, u jappoġġjaha biex issir forza effettiva għad-djalogu u għar-riforma;

- jipprovdi għajnuna finanzjarja u teknika għal operazzjonijiet li ma jistgħux jitwettqu b'mod xieraq jew effettiv permezz ta' l-integrazzjoni fi ħdan programmi oħra KE; dawn jistgħu jinkludu wkoll kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali b'kompetenza speċifika fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija.

5.3. Il-Metodu ta' l-Implimentazzjoni (indikattiv)

Ġestjoni Ċentralizzata

☑ direttament mill-Kummissjoni

☐ indirettament b'delega lil:

☐ Aġenziji eżekuttivi

☐ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet kif jissemma fl-Art. 185 tar-Regolament Finanzjarju

☑ korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

☐ Ġestjoni maqsuma jew deċentralizzata

☐ ma' Stati Membri

☐ ma' Pajjiżi Terzi

☑ Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika)

L-Artikolu 10(2) tar-Regolament propost

6. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

6.1. Is-sistema ta' monitoraġġ

Fil-passat, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' l-għajnuna provduta skond l-Inizjattiva Ewropea għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) twettqu fuq erba' livelli. L-ewwelnett, maniġer tal-kompiti KE isegwi kull proġett u jekk ikun possibbli jżur il-proġett matul l-implimentazzjoni tiegħu u jagħmel valutazzjoni finali wara li jkun ikkompletat. It-tieni, il-proġetti ta' l-EIDHR huma inklużi fis-sistema ta' monitoraġġ ibbażata fuq ir-riżultati (ROM) li permezz tagħha jitwettqu missjonijiet ta' monitoraġġ addizzjonali minn konsulenti esterni. It-tielet, kull sena jitwettqu evalwazzjonijiet speċifiċi ta' l-EIDHR li jkopru proġetti fil-qasam ta' għan ta' l-EIDHR partikolari. Fl-aħħarnett, il-proġetti ta' l-EIDHR huma inklużi f'evalwazzjonijiet usa' mwettqa mill-Unità ta' Evalwazzjoni tal-familja RELEX li jkopru jew żona ġeografika speċifika jew settur ġeografiku speċifiku. Din is-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni se tkompli skond ir-Regolament propost għal Strument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem.

6.2. L-evalwazzjoni

Fis-sena 2005, kienu kkompletati żewġ evalwazzjonijiet speċifiċi ta' l-EIDHR. Studju ġenerali ta' l-impatt fuq kampjun ta' 48 proġett ikkompletat ta' l-EIDHR. Wara li ġew ikkombinati r-riżultati mill-kriterji differenti ta' l-evalwazzjoni, inklużi l-aspetti tar-rilevanza u ta' l-implimentazzjoni, l-istudju juri li 70% tal-proġetti individwali jirriżultaw li huma eċċellenti jew tajbin fil-valutazzjoni. Madankollu, l-istudju jissuġġerixxi li ħafna organizzazzjonijiet li jimplimentaw il-proġetti għandhom fehim limitat ta' l-EIDHR bħala programm globali. Barra minn hekk, il-benefiċjarji u l-gruppi mmirati għandhom ikunu involuti aktar fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u fil-formulazzjoni tal-proposti għall-proġetti kif ukoll fl-azzjoni ta' segwitu u fl-evalwazzjoni. Ir-rabtiet u s-sinerġiji possibbli ma' attivitajiet oħrajn iffinanzjati mill-KE jew mhux iffinanzjati mill-KE f'oqsma relatati mhumiex esplorati biżżejjed. Ħarġet stampa ġenerali tal-KE bħala d-donatur mhux l-aktar flessibbli iżda li ladarba jinkiseb il-finanzjament hemm vantaġġi kbar għall-organizzazzjonijiet benefiċjarji. L-UE titqies bħala parteċipant ewlieni fil-qasam tal-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja u l-finanzjament ta' l-UE huwa ta' spiss sostanzjali u jimplika appoġġ politiku għall-organizzazzjonijiet.

Evalwazzjoni oħra kopriet proġetti li ġew ikkompletati fil-qasam tal-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija kif ukoll il-promozzjoni tad-drittijiet tal-minoranzi u wriet li l-finanzjament ta' l-EIDHR f'dan il-qasam laħaq uħud mill-komunitajiet l-aktar vulnerabbli fl-ambjenti l-aktar ta' sfida fid-dinja. Għalkemm l-istudju ma esplorax il-proġetti li ma kinux iffinanzjati, huwa ċar li qegħdin jittieħdu inizjattivi importanti li jvarjaw minn dawk li kienu qegħdin jonfqu l-fondi Ewropej b'mod utli billi jipprovdu servizzi ta' tul ta' żmien iffissat biex jitaffew l-effetti tar-razziżmu u tal-ksenofobija, għal dawk li spikkaw, b'ħidma fiċ-ċirkostanzi l-iktar diffiċili iżda li xorta waħda japplikaw programmazzjoni l-iktar aġġornata li kienet potenzjalment sostenibbli bi sjieda lokali. Il-fondi ta' l-EIDHR taw lil uħud mill-NGOs il-libertà strateġika biex jimplimentaw proġetti innovattivi kbar li kieku kienu jkunu impossibbli mingħajr l-appoġġ ta' l-UE u li jistgħu jsiru mudelli għal prattika futura minn gvernijiet ċentrali u lokali, kemm fuq livell domestiku kif ukoll fuq livell internazzjonali, li għandhom ir-responsabbiltà primarja tul medda twila ta' żmien

għall-poplu tagħhom. Barra minn hekk, l-NGOs setgħu jkunu l-pijunieri ta' proġetti u jisfidaw politiki, bil-metodoloġija parteċipattiva tagħhom u bil-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem li jżidu valur reali u jippromwovu l-fiduċja min-naħa għall-oħra tad-diviżjonijiet etniċi, fejn il-burokraziji ma jistgħux jiġu fdati u bil-kontra, fejn il-gvernijiet jistgħu ikunu limitati u m'għandhomx il-kunfidenza biex jieħdu r-riskji dwar kwistjonijiet ta' drittijiet ta' minoranzi li mhumiex popolari. Permezz ta' l-EIDHR, l-UE setgħet turi fil-prattika l-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem u l-kooperazzjoni inter-etnika li tirrappreżenta, filwaqt li turi l-impenn tagħha fil-konfront tas-soċjetà ċivili u l-appoġġ għal diversità ta' metodi biex jitħarsu d-drittijiet fundamentali.

Barra minn hekk, twettaq studju speċifiku "Il-ġenerazzjoni ta' l-indikaturi ta' impatt għall-EIDHR". Huwa jinkludi indikaturi ta' impatt proposti fuq il-livell tal-programm u tal-proġett kif ukoll gwida għall-imsieħba ta' l-EIDHR dwar kif jiġu ġġenerati indikaturi tajbin għall-proġett tagħhom. Il-gwida hija disponibbli fuq il-websajt ta' l-EIDHR. Ir-riżultat ta' dan l-istudju serva bħala bażi għall-indikaturi ta' impatt tal-proġetti proposti li huma inklużi fis-sejħiet għall-proposti 2005-2006 ta' l-EIDHR biex jingħażlu l-proġetti skond il-kampanji globali.

Kienu riċevuti żewġ rapporti ta' evalwazzjoni fis-sena 2006 li jkopru l-proġett ta' taħriġ KE dwar l-aspetti ċivili tal-ġestjoni tal-kriżijiet u Programm Andin dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Huwa previst li jitwettqu żewġ evalwazzjonijiet speċifiċi addizzjonali ta' l-EIDHR matul din is-sena.

Ibbażati fuq l-Artikolu 15 tar-Regolament popost, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' l-għajnuna provduta skond l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem se jkomplu bħal fis-snin ta' qabel.

6.3. Ir-Reviżjoni ta' Nofs it-Term

L-Artikolu 19 tar-Regolament propost jipprovdi għal reviżjoni ta' nofs it-term ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament. Sal-31 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rapport li jevalwa l-implimentazzjoni ta' l-għajnuna, skond ir-Regolament, fl-ewwel tliet snin (2007-2009). Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni tista' tipproponi l-modifiki meħtieġa għall-istrument.

7. IL-MIZURI KONTRA L-FRODI

Issir referenza għad-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament propost.

8. ID-DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. L-impatt fuq ir-riżorsi umani

Ir-riżorsi umani meħtieġa għall-ġestjoni ta' l-għajnuna huma stmati għal 4.8 staff (inklużi l-kategoriji kollha ta' l-istaff) għal kull EUR 10 miljuni f'approprjazzjonijiet ta' impenn ġestiti fis-sena. Tul il-perjodu kollu, dan għandu jifisser żjieda totali stmata ta' 775 FTE (ekwivalenti għal staff *full time*) għall-erba' strumenti ta' għajnuna esterna li ġejjin – id-DCECI, l-ENPI, l-Istrument għall-Istabbiltà, u l-

Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) – minbarra l-istaff eżistenti stabbilit sa mill-1 ta' April 2006. Ir-riżorsi meħtieġa għall-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem se jkopru l-azzjonijiet kollha skond ir-Regolament. Ir-riżorsi meħtieġa għas-sena 2007 huma kompatibbli ma' l-Abbozz Preliminari tal-Baġit 2007.

8.2. L-impatt finanzjarju ġenerali tar-riżorsi umani

Ir-riżorsi umani addizzjonali meħtieġa għall-ġestjoni ta' l-azzjoni meta mqabbla mas-sitwazzjoni sa l-1 ta' April 2006 se jkunu ffinanzjati fuq l-approprjazzjonijiet għan-nefqa ta' appoġġ amministrattiv (aġenti kuntrattwali u aġenti lokali). Għandhom jikkomplementaw ir-riżorsi umani l-oħra involuti fl-ġestjoni fil-kwartieri ġenerali u fid-delegazzjonijiet (uffiċjali, aġenti temporanji u oħrajn).

L-ispejjeż stmati jitqiesu fil-punt 4.1.1.

8.3 Nefqa amministrattiva oħra inkluża fl-ammont ta' referenza (In-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva)

Les besoins en ressources humaines et administratives seront couverts à l'intérieur de la dotation allouée à la DG gestionnaire dans le cadre de la procédure d'allocation annuelle. (Il-ħtiġijiet tar-riżorsi umani u amministrattivi se jkunu koperti fl-għotja allokata lid-DĠ amministrattiva fi ħdan il-qafas tal-proċedura ta' allokazzjoni annwali).